MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Kongunt Numru. 615/2012

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Jannar, 2013;

Rat illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Lulju, 1994;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Maria Lourdes sive Maria Dolores Samra;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fir-rikors guramentat kongunt ir-rikorrenti AB iddikjarat illi tixtieq tibqa izomm kunjom zewgha u cioe’ Samra u ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba u tordna illi ir-AB tibqa izomm il-kunjom B;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-5 ta’ Dicembru 2002 u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u li l-ebda manteniment ma hu dovut ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------